REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/830

tad-9 ta' Marzu 2018

li jemenda l-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 167/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1322/2014 fir-rigward tal-adattament tal-bini tal-vetturi u tar-rekwiżiti ġenerali għall-approvazzjoni tal-vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 167/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Frar 2013 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija ([1]), u b'mod partikulari l-Artikoli 18(4) u 49(3) tiegħu,

Billi:

(1) Jenħtieġ li jiġu emendati diversi entrati fl-Anness I tar-Regolament 167/2013 biex ikunu jistgħu jiġu stabbiliti r-rekwiżiti għal kategoriji addizzjonali ta' vetturi skont l-aħħar verżjonijiet ta' ċerti Kodiċijiet standard għall-ittestjar uffiċjali tat-tratturi agrikoli u forestali tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ewropej (Kodiċijiet standard tal-OECD) ([2]).

(2) Ir-regolamenti tan-NU/KEE li japplikaw fuq bażi obbligatorja u li huma stipulati fl-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1322/2014 ([3]) jiġu aġġornati regolarment. F'dak ir-rigward, il-lista għandha tiġi kkomplementata b'nota ta' spjegazzjoni li tiċċara li l-manifatturi huma permessi jużaw supplimenti sussegwenti tas-serje ta' emendi applikabbli ta' dawk ir-regolamenti tan-NU/KEE, anke jekk mhumiex ippubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(3) Biex ikun ċar li ċerti rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni huma ekwivalenti u kompletament allinjati mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Kodiċijiet standard tal-OECD, it-test tar-rekwiżiti u n-numerazzjoni li tidher f'ċerti Anness tar-Regolament Delegat (UE) Nru 1322/2014 għandhom jiġu adattati biex isiru identiċi bħat-test u n-numerazzjoni tal-Kodiċi standard tal-OECD korrispondenti.

(4) Biex jitnaqqas l-għadd ta' korrimenti u inċidenti fatali li jirriżultaw min-nuqqas li tittella' l-istruttura protettiva ta' fuq wara, li tintewa kontra l-qlib, fuq tratturi b'karreġġata dejqa f'sitwazzjonijiet potenzjalment perikoluż, ir-rekwiżiti ergonomiċi jenħtieġ li jsiru obbligatorji biex jiġi ffaċilitat u mħeġġeġ it-tluġħ tal-istruttura protettiva kontra l-qlib meta jkun meħtieġ.

(5) Il-lista ta' rapporti tat-test maħruġa abbażi tal-Kodiċijiet standard tal-OECD u rikonoxxuta għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE bħala alternattiva għar-rapporti tat-test maħruġa abbażi tar-Regolament Delegat (UE) Nru 1322/2014 jenħtieġ li tiġi aġġornata.

(6) Biex jiġu ċċarati u mtejba ċerti proċeduri tat-test, jenħtieġ li jsiru emendi addizzjonali minuri għall-metodu tat-test għas-sit tas-sewwieq u għar-rekwiżit dwar l-aċċess għall-pożizzjoni tas-sewqan, dwar is-saħħa minima tal-apparat ta' kontroll u dwar ir-rata tal-ħruq tal-materjal tal-kabina kif stabbilit fir-Regolament Delegat (UE) Nru 1322/2014.

(7) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 167/2013 u r-Regolament Delegat (UE) Nru 1322/2014 jiġu emendati skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 167/2013

Fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 167/2013, fir-ringiela Nru 38, fil-kolonni għall-kategoriji tal-vetturi Ca u Cb, "NA" tiġi sostitwita b'"X"

([1]) ĠU L 60, 2.3.2013, p. 1.
([2]) http://www.oecd.org/tad/code/oecd-standard-codes-official-testing-agricultural-forestry-tractors.htm
([3]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1322/2014 tad-19 ta' Settembru 2014 li jissupplimenta u jemenda r-Regolament (UE) Nru 167/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-bini tal-vetturi u tar-rekwiżiti ġenerali għall-approvazzjoni tal-vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija (ĠU L 364, 18.12.2014, p. 1).

Artikolu 2

Emendi fir-Regolament Delegat (UE) Nru 1322/2014

Ir-Regolament Delegat (UE) Nru 1322/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 12, il-kliem "għal vetturi tal-kategoriji T2, T3 u T4.3" jiġu sostitwiti bil-kliem "għal vetturi tal-kategoriji T2/C2, T3/C3 u T4.3/C4.3";

(2) fil-Kapitolu V, jiddaħħal l-Artikolu 35a li ġej:

"*Artikolu 35a*

Dispożizzjonijiet tranżizzjonali

1. Sas-26 ta' Ġunju 2018, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jibqgħu joħorġu l-approvazzjonijiet tat-tip għal tipi ta' vetturi għall-forestrija u għall-agrikoltura, jew għal tipi ta' sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati skont dan ir-Regolament, fil-verżjoni applikabbli tiegħu fil-25 ta' Ġunju 2018.

2. Sal-31 ta' Diċembru 2018, l-Istati Membri għandhom jippermettu t-tqegħid fis-suq, ir-reġistrazzjoni jew id-dħul fis-servizz ta' vetturi għall-foresterija u għall-agrikoltura, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati abbażi ta' tip approvat skont dan ir-Regolament, fil-verżjoni applikabbli tiegħu fil-25 ta' Ġunju 2018.";

(3) fl-Anness I, fit-test taħt l-intestatura "Nota ta' spjegazzjoni:", jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

"Id-dispożizzjonijiet tranżizzjonali tar-Regolamenti tan-NU/KEE elenkati f'din it-tabella għandhom japplikaw, sakemm dan ir-Regolament ma jipprevedix dati alternattivi speċifiċi. Il-konformità mar-rekwiżiti bi qbil ma' emendi sussegwenti ta' dawk elenkati f'din it-tabella wkoll għandha tiġi aċċettata.";

(4) l-Anness II jiġi emendat b'konformità mal-Anness I għal dan ir-Regolament;

(5) L-Anness VI huwa emendat kif gej:

(a) Il-punt B hu emendat kif ġej:

(a) fil-punt 3.8.2, l-ewwel paragrafu jinbidel b'dan li ġej:

"Fejn applikabbli, il-karatteristiċi ta' fraġilizzazzjoni fil-kesħa għandhom jiġu vverifikati jew skont ir-rekwiżiti fi 3.8.2.1 sa 3.8.2.7., inkella skont ir-rekwiżiti fil-punt 3.8.3.";

(b) jiddaħħal il-punt 3.8.3. li ġej:

"3.8.3. Ir-reżistenza għall-fraġilizzazzjoni fil-kesħa tista' tintwera billi jiġu applikati r-regoli u d-direzzjonijiet tat-Taqsima 3 ta' dan il-Punt B f'temperatura mnaqqsa ta' – 18 °C jew f'temperatura aktar kiesħa. Qabel l-ittestjar dinamiku, l-istruttura protettiva u l-apparat kollu tal-armar għandhom jiġu mkessħa sa – 18 °C jew inqas.";

(6) fin-Noti ta' spjegazzjoni tal-Anness VI, in-nota ta' spjegazzjoni (1) tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"(1) Sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor, it-test tar-rekwiżiti u n-numerazzjoni stabbiliti fil-punt B huma identiċi mat-test u n-numerazzjoni tal-Kodiċi standard tal-OECD għall-ittestjar uffiċjali tal-istrutturi protettivi mmuntati fuq it-tratturi għall-agrikoltura u għall-forestrija (test dinamiku), il-Kodiċi 3 standard tal-OECD, l-Edizzjoni 2017 ta' Frar 2017."

(7) fl-Anness VII, fin-Noti ta' spjegazzjoni tal-Anness VII, in-nota ta' spjegazzjoni (1) tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"(1) Sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor, it-test tar-rekwiżiti u n-numerazzjoni stabbiliti fil-punt B huma identiċi mat-test u n-numerazzjoni tal-Kodiċi standard tal-OECD għall-ittestjar uffiċjali tal-istrutturi protettivi mmuntati fuq it-tratturi biċ-ċineg għall-agrikoltura u għall-forestrija, il-Kodiċi 8 standard tal-OECD, l-Edizzjoni 2017 ta' Frar 2017.";

(8) L-Anness VIII huwa emendat kif gej:

(a) fil-punt B, il-punt 3.11.2. jinbidel b'dan li ġej:

"3.11.2. Fejn applikabbli, il-karatteristiċi ta' fraġilizzazzjoni fil-kesħa għandhom jiġu vverifikati skont ir-rekwiżiti fi 3.11.2.1 sa 3.11.2.7";

(b) fin-Noti ta' spjegazzjoni tal-Anness VIII, in-nota ta' spjegazzjoni (1) tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"(1) Sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor, it-test tar-rekwiżiti u n-numerazzjoni stabbiliti fil-punt B huma identiċi mat-test u n-numerazzjoni tal-Kodiċi standard tal-OECD għall-ittestjar uffiċjali tal-istrutturi protettivi mmuntati fuq it-tratturi għall-agrikoltura u għall-forestrija (test statiku), il-Kodiċi 4 standard tal-OECD, l-Edizzjoni 2017 ta' Frar 2017."

(9) L-Anness IX huwa emendat skont l-Anness II ta' dan ir-Regolament;

(10) L-Anness X huwa emendat skont l-Anness III ta' dan ir-Regolament;

(11) L-Anness XI huwa emendat skont l-Anness IV ta' dan ir-Regolament.

(12) L-Anness XIII huwa emendat kif ġej:

(a) fil-punt 3.1.3 jiżdied il-paragrafu li ġej:

"Skont id-diskrezzjoni tal-manifattur, jista' jsir kejl addizzjonali u fakultattiv tal-istorbju bil-magna mitfija u l-apparat awżiljari bħall-fannijiet tal-ventilazzjoni, id-defrosters u apparat elettriku ieħor jitħaddem fuq l-ogħla setting.";

(b) jiddaħħal il-punt 3.2.2.2.2. li ġej:

"3.2.2.2.2. Matul it-tielet sensiela ta' kejl fakultattiv, il-magna għandha tintefa u l-apparat awżiljari bħall-fannijiet tal-ventilazzjoni, id-defrosters u apparat elettriku ieħor jitħaddem fuq l-ogħla setting.";

(13) L-Anness XIV huwa emendat skont l-Anness V ta' dan ir-Regolament;

(14) Fl-Anness XV, il-punt 3.3.2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3.3.2. It-tarġa jew l-iskaluna ta' fuq għandha tkun faċilment identifikabbli u aċċessibbli għal persuna li tkun ser toħroġ mill-vettura. Id-distanza vertikali bejn it-tarġiet jew l-iskaluni sussegwenti għandha tkun ugwali. Madankollu, hija permessa tolleranza ta' 20 mm.";

(15) fl-Anness XVIII, fin-Noti ta' Spjegazzjoni tal-Anness XVIII, in-nota ta' spjegazzjoni (1) tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"(1) Sakemm in-numerazzjoni u r-rekwiżiti stabbiliti fil-punt B huma identiċi mat-test tal-Kodiċi standard tal-OECD għall-ittestjar uffiċjali tal-istrutturi protettivi mmuntati fuq it-tratturi għall-agrikoltura u għall-forestrija (test statiku), il-Kodiċi 4 standard tal-OECD, l-Edizzjoni 2017 ta' Frar 2017.";

(16) fl-Anness XXII, il-punt 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Dikjarazzjoni dwar l-istorbju

Il-manwal tal-operatur għandu jagħti l-valuri tal-istorbju f'widnet l-operatur għal kull kundizzjoni tal-ittestjar stabbilita fl-Anness XIII, inkella r-riżultati tat-test tal-livell tal-ħoss tal-Kodiċi Standard 5 tal-OECD b'konformità mal-punt 4 tal-mudell tar-rapport tat-test.";

(17) fl-Anness XXIII, il-punt 1.2.1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1.2.1. L-apparati ta' kontroll bħalma huma r-roti tal-istering jew il-levers tal-istering, il-gear levers, il-cranks, il-pedali u s-swiċċijiet għandhom jintgħażlu, jiġu ddisinjati, mibnija u mqassma biex il-forzi tal-attwazzjoni, l-ispostament, fejn jinsabu, il-metodi tat-tħaddim u l-kodiċijiet tal-kuluri tagħhom ikunu skont l-istandard ISO 15077:2008, inklużi d-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Annessi A u C ta' dak l-istandard.";

(18) fl-Anness XXVII, il-punt 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Ir-rata tal-ħruq tal-materjal tal-kabina

Ir-rata tal-ħruq tal-materjal ta' ġewwa tal-kabina, bħalma hija t-tapizzerija tas-sit, il-ħitan, l-art u l-inforra tas-saqaf, fejn preżenti, m'għandhiex taqbeż ir-rata massima ta' 150 mm/min meta ttestjata skont l-istandard ISO 3795:1989 jew l-istandard FMVSS302.".

Artikolu 3

Id-dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Marzu 2018.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS I

Fl-Anness II tar-Regolament Delegat (UE) Nru 1322/2014, it-tabella tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"Rapport tat-test abbażi tal-Kodiċi tal-Istandard tal-OECD Nru	Suġġett	Data	Applikabbiltà	Alternattiva għar-rapport tat-test tal-UE abbażi ta'
3	Ittestjar uffiċjali tal-istrutturi ta' protezzjoni mmuntati fuq it-tratturi għall-agrikoltura u għall-forestrija (test dinamiku)	Edizzjoni 2017 -Frar 2017-	T1, T4.2 u T4.3	Anness VI Anness XVIII (jekk ikunu ġew ittestjati l-ankraġġi taċ-ċinturini tas-sikurezza)
4	Ittestjar uffiċjali tal-istrutturi ta' protezzjoni mmuntati fuq it-tratturi għall-agrikoltura u għall-forestrija (test statiku)	Edizzjoni 2017 -Frar 2017-	T1/C1, T4.2/C4.2 u T4.3/C4.3	Anness VIII u Anness XVIII (jekk ikunu ġew ittestjati l-ankraġġi taċ-ċinturini tas-sikurezza)
5	Kejl uffiċjali tal-istorbju fil-pożizzjoni (jiet) bilqiegħda fuq tratturi għall-agrikoltura u għall-forestrija	Edizzjoni 2017 -Frar 2017-	T u C	Anness XIII
6	L-ittestjar uffiċjali ta' strutturi ta' protezzjoni kontra l-qlib armati fuq quddiem ta' tratturi b'karreġġata dejqa bir-roti għall-agrikoltura u għall-forestrija	Edizzjoni 2017 -Frar 2017-	T2/C2, T3/C3 u T4.3/C4.3	Anness IX (jekk ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni għall-istrutturi ta' protezzjoni kontra l-qlib li jintwew ikunu ġew ittestjati u ssodisfati) u Anness XVIII (jekk ikunu ġew ittestjati l-ankraġġi taċ-ċinturini tas-sikurezza)
7	L-ittestjar uffiċjali ta' strutturi ta' protezzjoni kontra l-qlib immuntati fuq wara ta' tratturi b'karreġġata dejqa bir-roti għall-agrikoltura u għall-forestrija	Edizzjoni 2017 -Frar 2017-	T2/C2, T3/C3 u T4.3/C4.3	Anness X (jekk ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni għall-istrutturi ta' protezzjoni kontra l-qlib li jintwew ikunu ġew ittestjati u ssodisfati) u Anness XVIII (jekk ikunu ġew ittestjati l-ankraġġi taċ-ċinturini tas-sikurezza)
8	Ittestjar uffiċjali tal-istrutturi ta' protezzjoni mmuntati fuq it-tratturi biċ-ċineg għall-agrikoltura u għall-forestrija	Edizzjoni 2017 -Frar 2017-	C1, C2, C4.2 u C4.3	Anness VII u Anness XVIII (jekk ikunu ġew ittestjati l-ankraġġi taċ-ċinturini tas-sikurezza)
10	Ittestjar uffiċjali tal-istrutturi ta' protezzjoni mmuntati fuq it-tratturi għall-agrikoltura u għall-forestrija kontra l-oġġetti li jaqgħu	Edizzjoni 2017 -Frar 2017-	T u C	Anness XI Parti C".

ANNESS II

L-Anness IX tar-Regolament Delegat (UE) Nru 1322/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) Il-punt B hu emendat kif ġej:

(a) il-punt 1.3.1. jiġi sostitwit b'li ġej:

"1.3.1. Definizzjoni preliminari: pjan medjan tar-rota jew taċ-ċinga.

Il-pjan medjan tar-rota jew taċ-ċinga huwa ekwidistanti miż-żewġ pjani li fihom il-periferija tar-rimmijiet jew taċ-ċineg fit-truf ta' barra tagħhom.";

(b) fil-punt 1.3.2, tiżdied is-sentenza li ġejja:

"Għat-tratturi biċ-ċineġ, il-karreġġata hija d-distanza bejn il-pjanijiet medji taċ-ċineg.";

(c) fil-punt 1.4., tiżdied is-sentenza li ġejja:

"Għat-tratturi armati biċ-ċineg: id-distanza bejn il-pjani vertikali perpendikulari għall-pjan medjan longitudinali tat-trattur li jgħaddi mir-roti motorizzati.";

(d) il-punti 2.1.2 u 2.1.3 jinbidlu b'dan li ġej:

"2.1.2. wisa' minimu ta' bejn iż-żewġ roti, fissa jew aġġustabbli, b'wieħed mill-fusien ta' inqas minn 1 150 mm mgħammar b'tajers jew ċineg ta' qies akbar. Huwa preżunt illi l-fus immuntat bit-tajers jew ċineg aktar wisgħin huwa ssettjat f'wisa' tal-karreġġata ta' mhux aktar minn 1 150 mm. Għandu jkun possibbli li l-wisa' tal-karreġġata tal-fus l-ieħor jiġi ssettjat b'tali mod li x-xfar ta' barra tat-tajers l-aktar dojoq ma joħorġux aktar il barra mix-xfar tan-naħa ta' barra tat-tajers tal-fus l-ieħor. Meta ż-żewġ fusien jiġu mgħammra bi rimmijiet u b'tajers jew ċineg tal-istess qies, il-wisa' tal-karreġġata fissa jew li tista' tiġi aġġustata taż-żewġ fusien irid ikun inqas minn 1 150 mm;

2.1.3. massa akbar minn 400 kg iżda inqas minn 3 500 kg, li tikkorrispondi għall-massa mingħajr tagħbija tat-trattur, inkluż l-istruttura tal-protezzjoni kontra l-qlib u t-tajers jew iċ-ċineg tal-akbar daqs irrakkomandat mill-manifattur. Il-massa massima permissibbli ma għandhiex taqbeż 5 250 kg u l-Proporzjon tal-Massa (Massa Massima Permissibbli/Massa ta' Referenza) ma għandux ikun akbar minn 1,75;";

(e) fil-punt 3.1.2.3., tiżdied is-sentenza li ġejja:

"Fil-każ ta' trattur armat biċ-ċineg, il-manifattur għandu jiddefinixxi s-settings taċ-ċineg.";

(f) fil-punt 3.1.3.2., it-tieni u t-tielet sentenza huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Dan l-angolu għandu jkun tal-anqas 38° fil-mument meta t-trattur ikun qed iserraħ fi stat ta' ekwilibriju mhux stabbli fuq ir-roti jew iċ-ċineg li jmissu mal-art. Wettaq it-test darba bir-rota tal-istering imdawra kompletament fuq in-naħa tal-lemin u darba bir-rota tal-istering imdawra kompletament fuq in-naħa tax-xellug."

(g) il-punt 3.1.4.3.1. huwa emendat kif ġej:

(i) il-linja għall-karatteristika tat-trattur B_0 tiġi ssostitwita b'dan li ġej:

"**B_0** (m) Wisa' tat-tajer jew taċ-ċinga ta' wara;";

(ii) il-linja għall-karatteristiċi tat-trattur D_2 u D_3 tiġi ssostitwita b'dan li ġej:

"**D_2** (m) L-għoli tat-tajers ta' quddiem jew taċ-ċineg b'tagħbija sħiħa tal-fus;

D_3 (m) L-għoli tat-tajers ta' wara jew taċ-ċineg b'tagħbija sħiħa tal-fus;";

(iii) fil-linja għall-karatteristika tat-trattur S, il-kliem "Is-somma tal-wisgħat ta' bejn iż-żewġ roti (S) u t-tajer (B_0) għandha tkun akbar mill-wisa' B_6 tal-istruttura ta' protezzjoni." huma sostitwiti bil-kliem "It-total tal-wisa' tal-karreġġata ta' wara (S) u l-wisa' tat-tajers jew taċ-ċinga (B_0) irid ikun akbar mill-wisa' B_6 tal-istruttura protettiva.";

(h) il-punt 3.1.4.3.2.2. jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"3.1.4.3.2.2. l-assi tar-rotazzjoni huwa parallel mal-fus longitudinali tat-trattur u jgħaddi miċ-ċentru tal-uċuħ ta' kuntatt tar-roti ta' quddiem u ta' wara għan-niżla jew iċ-ċinga;";

(i) fil-punt 3.1.5.1, l-aħħar paragrafu jinbidel b'dan li ġej:

"Id-distanzi bejn iċ-ċentru ta' gravità u l-fus ta' wara (**L_3**) jew il-fus ta' quddiem (**L_2**) għandhom ikunu kkalkulati mid-distribuzzjoni tal-massa tat-trattur bejn ir-roti jew iċ-ċineg ta' wara u ta' quddiem.";

(j) il-punt 3.1.5.2. huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3.1.5.2. L-għoli tat-tajers jew ċineg ta' wara (**D_3**) u ta' quddiem(**D_2**)

Id-distanza mill-ogħla punt tat-tajer jew taċ-ċinga sa wiċċ l-art għandu jitkejjel (il-Figura 6.5), u l-istess metodu għandu jintuża għat-tajers jew ċineg ta' quddiem u ta' wara."

(k) fil-punt 3.1.5.4., l-aħħar paragrafu jinbidel b'dan li ġej:

"Il-punt tal-impatt huwa ddefinit mill-pjan tanġenzjali għall-istruttura protettiva li tgħaddi mil-linja mill-punti ta' barra ta' fuq tat-tajer jew taċ-ċineg ta' quddiem u ta' wara (il-Figura 6.7)."

(l) fil-punt 3.1.5.6., l-aħħar paragrafu jinbidel b'dan li ġej:

"Il-punt tal-impatt huwa definit mill-pjan tanġenzjali għall-bonit tal-magna u l-istruttura protettiva li tgħaddi mill-punti ta' fuq li hemm barra tat-tajer jew iċ-ċinga ta' quddiem (il-Figura 6.7). Il-qisien għandhom jittieħdu fuq iż-żewġ naħat tal-bonit tal-magna.";

(m) fil-punt 3.1.5.9, l-ewwel u t-tieni paragrafu taħt l-intestatura "Għoli tal-punt ta' quddiem tal-pern tal-fus (H_0)" huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Id-distanza vertikali bejn iċ-ċentru tal-punt ta' quddiem tal-pern tal-fus għaċ-ċentru tal-fus tat-tajers jew taċ-ċineg ta' quddiem (**H_{01}**) għandhom ikunu inklużi fir-rapport tekniku tal-manifattur u għandhom jiġu ċċekkjati.

Id-distanza vertikali miċ-ċentru tal-fus tat-tajers jew taċ-ċineg ta' quddiem sal-pjan tal-art (**H_{02}**) għandha tiġi mkejla (il-Figura 6.8).";

(n) il-punti 3.1.5.10. u 3.1.5.11. jinbidlu b'dan li ġej:

"3.1.5.10. Il-wisa' tal-karreġġata ta' wara (**S**)

Il-wisa' minimu tal-karreġġata ta' wara meta mgħammra b'tajers jew ċineg tal-akbar daqs speċifikat mill-manifattur għandu jitkejjel (Figura 6.9).

3.1.5.11. Wisa' tat-tajer jew taċ-ċinga ta' wara (**B_0**)

Id-distanza ta' bejn il-pjani vertikali ta' barra u ta' ġewwa tat-tajer jew ċinga ta' wara fil-parti superjuri tagħhom għandha tiġi mkejla (il-Figura 6.9).";

(o) il-punt 3.2.1.3.4. jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"3.2.1.3.4. Il-wisa' tal-karreġġata trid tiġi aġġustata b'tali mod li, kemm jista' jkun, l-istruttura ta' protezzjoni ma tkunx qed tistrieħ fuq it-tajers jew iċ-ċineg matul it-testijiet tas-saħħa. Jekk dawn it-testijiet isiru skont il-proċedura statika, ir-roti jew iċ-ċineg jistgħu jitneħħew."

(p) il-punt 3.2.2.2.4. jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"3.2.2.2.4. Jekk it-trattur ikun mgħammar b'sistema ta' sospensjoni bejn il-karozzerija u r-roti jew iċ-ċineg, din għandha tiġi bblokkata matul it-testijiet.";

(q) il-punt 3.2.5.4. huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3.2.5.4. Tagħmir tat-tgħaffiġ

It-tagħmir kif muri fil-Figura 6.10 għandu jkun jista' jeżerċita forza 'l isfel fuq struttura ta' protezzjoni minn ġo travu riġidu wiesgħa bejn wieħed u ieħor 250 mm imqabbad mal-mekkaniżmu li japplika t-tagħbija permezz ta' ġogi universali. Għandhom ikunu pprovduti axle stands biex it-tajers tat-trattur ma jassorbux il-forza tat-tgħaffiġ.";


(r) fil-punt 3.3.2.2, l-aħħar sentenza tal-aħħar paragrafu tinbidel b'dan li ġej:

"Biex dan jiġi stmat, it-tajers jew iċ-ċineg ta' quddiem u ta' wara u l-wisa' tal-karreġġata għandhom ikunu fuq l-iżgħar konfigurazzjoni standard speċifikata mill-manifattur.";

(s) il-figura 6.5 hija mibdula b'dan li ġej:

"*Figura 6.5*

Dejta meħtieġa għall-kalkolu tal-qlib ta' trattur b'imġiba ta' rrolljar triassjali



Nota: D2 u D3 għandhom jitkejlu bit-tagħbija massima fuq il-fus.";

(t) fil-punt 5.3.1, fl-aħħar paragrafu, tiddaħħal is-sentenza li ġejja:

"Fil-każ ta' trattur armat biċ-ċineg, il-manifattur għandu jiddefinixxi s-settings taċ-ċineg.";

(u) fit-taqsima B4 ("Rekwiżiti għal testar virtwali"), jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"Għal tratturi mgħammra biċ-ċineg, il-linji li ġejjin iridu jiġu ssostitwiti fil-mudell oriġinali:

520 LOCATE 12, 40: PRINT "GĦOLI TAĊ-ĊINEG TA' WARA D3="

*540 PRINT "GĦOLI TAĊ-ĊINEG TA' QUDDIEM D2=": LOCATE 13, 29: PRINT ""

650 LOCATE 17, 40: PRINT "WISA' TAĊ-ĊINEG TA' WARA B0="

970 LPRINT TAB(40); "GĦOLI TAĊ-ĊINEG TA' WARA D3=";

*980 LPRINT "GĦOLI TAĊ-ĊINEG TA' QUDDIEM D2=":

1160 LPRINT TAB(40); "WISA' TAĊ-ĊINEG TA' WARA B0=";

1390 W2 = SQR(H0 * H0 + L0 * L0): S1 = S/2 + B0/2

1530 F2 = 2 * ATN(– L0/D3 + SQR((L0/D3) ^ 2 – (D2/D3) + 1))

1590 X(1, 5) = D3

1660 Y(1, 5) = -L3

* jekk ikun applikabbli";

(2) fin-Noti ta' spjegazzjoni tal-Anness IX, in-nota ta' spjegazzjoni (1) tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"(1) Sakemm in-numerazzjoni tat-taqsimiet B2 u B3 li ġiet armonizzata mal-Anness kollu, it-test tar-rekwiżiti u n-numerazzjoni stabbilit fil-punt B huma identiċi għat-test u n-numerazzjoni tal-Kodiċi tal-Istandard tal-OECD għall-ittestjar uffiċjali ta' strutturi ta' protezzjoni kontra l-qlib immuntati fuq quddiem ta' tratturi b'karreġġata dejqa għall-agrikoltura u għall-forestrija, il-Kodiċi tal-Istandard 6 tal-OECD, l-Edizzjoni 2017 ta' Frar 2017.".

ANNESS III

L-Anness X tar-Regolament Delegat (UE) Nru 1322/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) Fil-Punt A, jiżdied il-punt 3 li ġej:

"3. Barra mir-rekwiżiti stabbiliti fil-punt 2, għandhom jiġu ssodisfati r-rekwiżiti għall-prestazzjoni tal-istrutturi ta' protezzjoni kontra l-qlib li jintwew stabbiliti fis-sezzjoni B3."

(2) Il-punt B hu emendat kif ġej:

(1) il-punt 3.1.2.2.5 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"3.1.2.2.5. In-naħa magħżula għall-applikazzjoni tal-ewwel tagħbija fuq in-naħa ta' wara tal-istruttura għandha tkun dik li, fl-opinjoni tal-awtoritajiet li qed iwettqu t-test, tirriżulta fl-applikazzjoni tas-serje ta' tagħbijiet fl-aktar kundizzjonijiet mhux favorevoli għall-istruttura. It-tagħbija laterali għandha tiġi applikata fuq in-naħa opposta tat-tagħbija lonġitudinali fuq il-pjan medjan tat-trattur. It-tagħbija ta' quddiem għandha tiġi applikata fuq l-istess ġenb tal-pjan medjan lonġitudinali tal-istruttura ta' protezzjoni tal-impatt jew it-tagħbija tal-ġenb.";

(2) tiżdied it-taqsima B3 li ġejja:

"B3 **REKWIŻITI TA' PRESTAZZJONI GĦALL-ISTRUTTURI TA' PROTEZZJONI KONTRA L-QLIB LI JINTWEW**

5.1. Kamp ta' applikazzjoni

Din it-Taqsima tipprevedi r-rekwiżiti ta' prestazzjoni minima u t-testijiet għal ROPS li jintwew u li jkunu mmunatati fuq in-naħa ta' wara u li jittellgħu u/jew jitniżżlu manwalment minn operatur bilwieqfa (bi jew mingħajr assistenza parzjali) u li jiġu llokkjati manwalment jew awtomatikament.

5.2. Għall-iskopijiet ta' din it-taqsima, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

5.2.1. "*ROPS li tintewa li titħaddem bl-idejn*" hija struttura protettiva b'żewġ pilastri mmuntata fuq wara li titniżżel u tittella' bl-idejn direttament ikkontrollata mill-operatur (b'assistenza parzjali jew le).

5.2.2. "*ROPS awtomatika*" li tintewa hija struttura protettiva b'żewġ pilastri mmuntata fuq wara b'operazzjonijiet ta' tlugħ/inżul kompletament assistiti.

5.2.3. "*sistema ta' llokkjar*" hija apparat biex tillokkja, bl-idejn jew b'mod awtomatiku, ir-ROPS fil-pożizzjoni mgħollija jew imniżżla.

5.2.4. "*żona ta' qbid*" hija ddefinita mill-manifattur bħala porzjon tar-ROPS u/jew manku addizzjonali armat mar-ROPS fejn l-operatur jista' jwettaq l-operazzjonijiet ta' tlugħ/inżul;

5.2.5. "*parti aċċessibbli miż-żona ta' qbid*" hija maħsuba bħala ż-żona fejn r-ROPS tiġi kkontrollata mill-operatur matul l-operazzjonijiet ta' tlugħ/inżul. din iż-żona għandha tiġi ddefinita fir-rigward taċ-ċentru ġeometriku tas-sezzjonijiet trasversali taż-żona ta' qbid.

5.2.6. "*żona aċċessibbli*" hija l-volum fejn operatur bil-wieqfa jista' japplika forza biex itella' jew iniżżel ir-ROPS;

5.2.7. "*punt tal-qris*" huwa punt perikoluż fejn il-partijiet jiċċaqalqu f'relazzjoni ma' xulxin jew ma' partijiet fissi oħra b'tali mod li jistgħu jikkawżaw il-qris ta' persuni jew ċerti partijiet minn ġisimhom;

5.2.8. "*punt tat-tiċrit*" hija punt perikoluż fejn partijiet jiċċaqalqu fuq xulxin jew fuq partijiet oħra b'tali mod li jistgħu jikkawżaw il-qris jew it-tiċrit ta' persuni jew ċerti partijiet minn ġisimhom.

5.2.9. "*post għal bilwieqfa*" huwa post fuq pjattaforma ta' tratturi li tkun aċċessibbli mill-aċċess ewlieni tal-pożizzjoni bilqiegħda b'biżżejed spazju għal operatur bil-wieqfa.

5.3. ROPS li jintwew li jitħaddmu bl-idejn

5.3.1. Kundizzjonijiet minn qabel għat-testijiet

5.3.1.1. Żona ta' qbid

Il-manipulazzjoni manwali għandha ssir minn operatur bilwieqfa permezz ta' manku wieħed jew aktar fiż-żona tal-qbid tar-roll-bar.

Ir-roll-bar tista' tiġi mmanipulata mill-art jew mill-post għal bilwieqfa fuq il-pjattaforma (Figuri 7.8a u 7.8b).

L-operatur jista' jimmanipula r-roll-bar b'mod parallel mat-trajettorja tagħha, inkella quddiema.

Proċess f'diversi stadji fejn l-operatur ibiddel il-pożizzjoni u fejn ikun hemm żoni ta' qbid differenti huwa permess.

Iż-żona ta' qbid għandha tkun identifikata b'mod ċar u permanenti (Figura 7.9).

Din iż-żona għandha tkun iddisinjata mingħajr ebda truf li jaqtgħu, uċuħ mhux lixxi li jistgħu jikkawżaw korriment lill-operatur.

Din iż-żona tista' tkun fuq ġenb wieħed jew tnejn tat-trattur u tista' tkun parti strutturali tar-roll-bar jew manki addizzjonali. F'din iż-żona ta' qbid, il-kontroll manwal biex tittella' jew titniżżel ir-roll bar, ma għandux johloq perikli ta' tiċrit, qris jew moviment mhux kontrollabbli għall-operatur.

5.3.1.2. Żoni aċċessibbli

Tliet żoni aċċessibbli b'ammonti differenti ta' forza permessa huma ddefiniti fir-rigward tal-pjan orizzontali tal-art u l-pjanijiet vertikali tanġenti għall-partijiet ta' barra tat-trattur li jillimitaw il-pożizzjoni jew l-ispostament tal-operatur (Figura 7.10).

Żona I: żona ta' kumdità

Żona II: żona aċċessibbli mingħajr mejl 'il quddiem tal-ġisem

Żona III: żona aċċessibbli permezz ta' mejl 'il quddiem tal-ġisem

Manipulazzjoni tar-roll-bar b'mod parallel mat-trajettorja tagħha

Il-pożizzjoni u l-moviment tal-operatur huma limitati minn ostakli. Dawn huma partijiet mit-trattur u huma ddefiniti minn pjanijiet vertikali tanġenti għat-truf esterni tal-ostaklu.

Jekk l-operatur ikollu bżonn iċaqlaq saqajh matul il-kontroll manwali tar-roll-bar, huwa permess spostament jew fi pjan parallel għal trajettorja tar-roll-bar jew pjan parallel ieħor biss għall-ewwel wieħed sabiex jingħeleb ostaklu. L-ispostament globali għandu jiġi kkunsidrat bħala kombinazzjoni ta' linji dritti paralleli u perpendikulari għat-trajettorja tar-roll-bar. Huwa aċċettat spostament perpendikolari jekk l-operatur joqrob lejn ir-roll-bar. Iż-żona aċċessibbli għandha titqies bħala l-envelopp taż-żoni aċċessibbli differenti (Figura 7.11).

Manipulazzjoni tar-roll-bar quddiem it-trajettorja tagħha

Huwa biss fil-każ tal-manipulazzjoni tar-roll-bar quddiem it-trajettorja tagħha li jiġu kkunsidrati bħal estensjonijiet aċċessibbli taż-żona II u taż-żona III (Figura 7.12). F'dawn l-estensjonijiet il-forzi ta' attwazzjoni aċċettabbli huma l-istess bħal dawk fiż-żona II u fiż-żona III rispettivament.

Jekk l-operatur ikollu bżonn iċaqlaq saqajh waqt il-manipulazzjoni manwali tar-roll-bar, dan għandu jsir permezz ta' spostament mingħajr ma jkun hemm ostaklu fil-pjan parallel mat-trajettorja tar-roll-bar.

F'dan il-każ, iż-żona aċċessibbli għandha titqies bħala l-envelopp taż-żoni aċċessibbli differenti.

5.3.1.3. Post għal bilwieqfa

Kwalunkwe post għal bilwieqfa fuq il-pjattaforma, iddikjarat mill-manifattur, għandu jkun aċċessibbli mill-aċċess ewlieni għall-pożizzjoni tas-sewqan u jkun jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

— Post maħsub għal persuna bilwieqfa għandu jkollu biżżejjed spazju għaż-żewġ saqajn tal-operatur, ikun ċatt, u jkollu superfiċje reżistenti għaż-żliq. Skont il-konfigurazzjoni tal-makkinarju, jista' jikkonsisti minn żewġ superfiċi separati u jista' juża komponenti tal-makkinarju. Għandu jkun ippożizzjonat b'tali mod li l-operatur jista' jibqa' stabbli filwaqt li jwettaq l-azzjonijiet meħtieġa u jkun fuq l-istess livell ta' għoli b'tolleranza ta' ± 50 mm.

— L-imqabad tal-idejn u/jew il-poġġamani għandhom jiġu pprovduti għall-finijiet ta' kultatt fuq tliet punti. Jistgħu jitqiesu partijiet mill-makkinarju biex dan ir-rekwiżit jiġi ssodisfat.

Post għal bilwieqfa jitqies li jkollu biżżejjed spazju jekk is-superfiċje tiegħu ikun tal-anqas kwadru fis-sezzjoni trażversali ta' 400 mm kull naħa (Figura 7.13).

Alternattivament, ir-rekwiżit tal-post bilwieqfa jista' jiġi ssodisfat billi jiġi pprovdut biżżejjed spazju għal sieq waħda fuq superfiċje ċatta u rkoppa waħda fuq is-sit.

5.3.1.4. Kundizzjonijiet tat-test

It-trattur irid ikun mgħammar b'tajers li għandhom l-akbar dijametru indikat mill-manifattur u l-iżgħar sezzjoni trażversali għal tajers b'dak id-dijametru. It-tajers iridu jkunu minfuħa sal-pressjoni rakkomandata għax-xogħol f'għalqa.

Ir-roti ta' wara jridu jkunu ssettjati sal-idjaq wisa' tal-karreġġata; ir-roti ta' quddiem għandhom jiġu ssettjati qrib kemm jista' jkun tal-istess wisa' tal-karreġġata. Jekk ikun possibbli li jkun hemm żewġ settings tal-karreġġata ta' quddiem li jkunu differenti b'mod ugwali mis-setting tal-idjaq karreġġata ta' wara, għandu jintgħażel l-usa' minn dawn iż-żewġ settings tal-karreġġata ta' quddiem.

5.3.2. Proċedura tat-test

L-għan tat-test huwa li jkejjel il-forza meħtieġa biex tittella' jew titniżżel ir-roll-bar. It-test isir fil-kundizzjoni statika: l-ebda moviment inizjali tar-roll-bar. Kull kejl tal-forza meħtieġa biex tittella' jew titniżżel ir-roll-bar għandu jsir f'direzzjoni tanġenti għat-trajettorja tar-roll-bar u jgħaddi miċ-ċentru ġeometriku tas-sezzjonijiet trażversali taż-żona tal-qbid.

Iż-żona tal-qbid titqies bħala aċċessibbli meta tkun tinsab fiż-żoni aċċessibbli jew l-envelopp taż-żoni aċċessibbli differenti (Figura 7.14).

Il-forza meħtieġa biex tittella' jew titniżżel ir-roll-bar għandha titkejjel f'punti differenti li huma fil-parti aċċessibbli taż-żona tal-qbid (Figura 7.15).

L-ewwel kejl jitwettaq fl-estremità tal-parti aċċessibbli taż-żona tal-qbid meta r-roll-bar tkun imniżżla kompletament (Punt 1 fil-Figura 7.15).

It-tieni kejl huwa ddefinit skont il-pożizzjoni tal-Punt 1 wara r-rotazzjoni tar-roll-bar sal-punt fejn il-perpendikolari mat-trajettorja tar-roll-bar tkun vertikali (Punt 2 fil-Figura 7.15).

It-tielet kejl isir wara rotazzjoni tar-roll-bar sal-punt tal-parti aċċessibbli taż-żona tal-qbid (Punt 3 fil-Figura 7.15).

Jekk f'dan it-tielet kejl, ir-roll-bar ma tkunx imtella' kollha, għandu jitkejjel punt ieħor fl-estremità tal-parti aċċessibbli taż-żona ta' qbid meta r-roll bar tkun imtella' kollha (Punt 4 tal-Figura 7.15).

Jekk bejn il-punt 1 u l-punt 3, it-trajettorja tal-estremità tal-parti aċċessibbli taż-żona tal-qbid taqbeż il-limitu bejn iż-Żona I u ż-Żona II, għandu jsir kejl addizzjonali f'dan il-punt (Figura 7.16).

Il-forzi massimi f'dan il-punti m'għandhomx jaqbżu l-forza aċċettabbli taż-żona (I, II jew III).

Sabiex titkejjel il-forza tal-punti meħtieġa, huwa possibbli jew li jitkejjel b'mod dirett il-valur jew li jitkejjel it-torque meħtieġ biex tittella' jew titniżżel ir-roll-bar biex b'hekk tiġi kkalkolata l-forza.

5.3.3. Kundizzjoni ta' aċċettazzjoni

5.3.3.1. Rekwiżit ta' forza

Il-forza aċċettabbli għall-attwazzjoni tar-ROPS tiddependi fuq iż-żona aċċessibbli kif muri fit-Tabella 7.2.

Tabella 7.2

Forzi permessi

Żona	I	II	III
Forza aċċettabbli (N)	100	75	50

Hija permessa żieda ta' mhux aktar minn 25 % ta' dawn il-forzi aċċettabbli meta r-roll bar tkun imniżżla jew imtella' kollha.

Hija permessa żieda ta' mhux aktar minn 25 % ta' dawn il-forzi aċċettabbli jekk ir-roll bar tiġi mmanipulata minn quddiem it-trajettorja tagħha.

Hija permessa żieda ta' mhux aktar minn 50 % ta' dawn il-forzi aċċettabbli fl-operazzjoni ta' nżul.

5.3.3.2. Rekwiżiti addizzjonali

Il-kontroll manwal biex tittella' jew titniżżel ir-roll bar, ma għandux joħloq perikli ta' tiċrit, qris jew moviment mhux kontrollabbli għall-operatur.

Punt ta' qris mhuwiex meqjus perikoluż għal idejn l-operatur jekk fiż-żona tal-qbid, id-distanzi tas-sikurezza bejn ir-roll-bar u l-parts fissi tat-trattur ma jkunux inqas minn 100 mm għall-idejn, il-polz, il-ponn u 25 mm għas-swaba' (ISO 13854:1996). Id-distanzi siguri għandhom jiġu vverifikati fir-rigward tal-mod ta' kontroll previst mill-manifattur fil-manwal tal-operatur.

5.4. Sistema ta' llokkjar bl-idejn

It-tagħmir armat biex jillokkja r-ROPS f'pożizzjoni mtella'/imniżżla għandu jkun iddisinjat:

— biex jitħaddem minn operatur bilwieqfa wieħed u sitwat f'waħda miż-żoni aċċessibbli;

— ikun diffiċili biex jinqala' mir-ROPS (pereżempju b'pinnijiet imwaħħlin bħal pinijiet li jillokkjaw jew pinijiet li jżommu);

— biex jevita konfużjoni fl-operazzjoni ta' llokkjar (il-post xieraq tal-pinnijiet għandu jiġi indikat);

— biex jevita t-tneħħija mhux apposta jew li jintilfu l-parts.

Jekk l-apparat li jintuża biex jiġi llokkjat ir-ROPS fil-pożizzjoni wieqfa/imniżżla jkun fil-forma ta' pinnijiet, dawn għandhom jiddaħħlu jew jitneħħew mingħajr diffikultà. Jekk biex tagħmel dan, ikun hemm bżonn tagħmel is-saħħa fuq ir-roll-bar, dan għandu jikkonforma mar-rekwiżiti tal-punti 1 u 3 jew 4 (ara l-punt 5.3).

Għall-apparat ta' llokkjar l-ieħor kollu, dan għandu jiġi ddiżinjat skont approċċ ergonomiku f'dak li għandu x'jaqsam mal-għamla u l-forza, b'attenzjoni partikolari għall-evitar ta' perikli ta' qris jew tiċrit.

5.5. Test preliminari tas-sistema ta' llokkjar awtomatiku

Sistema ta' llokkjar awtomatika mgħammra fuq ROPS li tintewa mħaddma bl-idejn għandha tiġi sottomessa għal test preliminari qabel it-test tas-saħħa tar-ROPS.

Ir-roll-bar għandha tiġi mgħollija mill-pożizzjoni l-aktar baxxa għall-pożizzjoni llokkjata wieqfa u titniżżel lura kif kienet. Dawn l-operazzjonijiet jikkorrispondu għal ċiklu wieħed. Għandhom jitwettqu 500 ċiklu.

Dan jista' jsir manwalment jew bl-użu ta' enerġija esterna (attwaturi idrawliċi, pnewmatiċi jew elettriċi). Fiż-żewġ każijiet, il-forza għandha tiġi applikata fi pjan parallel għat-trajettorja tar-roll bar u tgħaddi miż-żona tal-qbid, il-veloċità angulari tar-roll-bar għandha tkun bejn wieħed u ieħor kostanti u inqas minn 20 deg/s.

Wara 500 ċiklu, il-forza applikata meta r-roll-bar tkun f'pożizzjoni wieqfa ma għandhiex taqbeż b'aktar minn 50 % il-forza permessa (Tabella 7.2).

Il-ftuħ tar-roll-bar għandu jsir skont il-manwal tal-operatur.

Wara t-tlestija tal-500 ċiklu, ma għandu jkun hemm ebda manutenzjoni jew aġġustament fuq is-sistema tal-illokkjar,

Nota 1: It-test preliminari jista' jiġi applikat għal sistemi ROPS li jintwew b'mod awtomatiku wkoll. It-test għandu jitwettaq qabel it-test tas-saħħa tar-ROPS.

Nota 2: It-test preliminari jista' jitwettaq mill-manifattur. F'tali każ, il-manifattur għandu jipprovdi l-istazzjon tat-test b'ċertifikat li jiddikjara li t-test sar skont il-proċedura tat-test u li ma kien hemm ebda manutenzjoni jew aġġustament fuq is-sistema tal-illokkjar wara t-tlestija tal-500 ċiklu. L-istazzjon tat-test jivverifika l-prestazzjoni tal-apparat b'ċiklu wieħed mill-pożizzjoni l-aktar baxxa għall-pożizzjoni llokkjata wieqfa u lura kif kienet.

Figura 7.8 a
Mill-art




Figura 7.8 b
Mill-pjattaforma




Figura 7.9
Żona ta' qbid






Figura 7.10
Żoni aċċessibbli
(Dimensjonijiet f'mm)




Dehra laterali taż-żoni aċċessibbli




Dehra minn fuq taż-żoni aċċessibbli

Figura 7.11
Envelopp taż-żoni aċċessibbli
(Dimensjonijiet f'mm)



Spostament minghajr bidla wahda fid-direzzjoni



Spostament b'bidla wahda fid-direzzjoni

Figura 7.12
Manipulazzjoni tar-roll-bar quddiem it-trajettorja tagħha
Żoni aċċessibbli
(Dimensjonijiet f'mm)




Figura 7.13
Post għal bilwieqfa fuq il-pjattaforma.




Figura 7.14
Eżempju tal-parti aċċessibbli miż-żona tal-qbid




Figura 7.15
Il-punti fejn ir-rekwiżiti ta' forza għandhom jitkejlu





Figura 7.16
Punt addizzjonali fejn ir-rekwiżiti ta' forza għandhom jitkejlu



(3) fin-Noti ta' spjegazzjoni tal-Anness X, in-nota ta' spjegazzjoni (1) tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"(1) Sakemm in-numerazzjoni tas-sezzjonijiet B2 u B3 li ġiet armonizzata mal-Anness kollu, it-test tar-rekwiżiti u n-numerazzjoni stabbilit fil-punt B huma identiċi għat-test u n-numerazzjoni tal-Kodiċi tal-Istandard tal-OECD għall-ittestjar uffiċjali ta' strutturi ta' protezzjoni kontra l-qlib immuntati fuq wara ta' tratturi b'karreġġata dejqa bir-roti għall-agrikoltura u għall-forestrija, Kodiċi tal-Istandard 7 tal-OECD, l-Edizzjoni 2017 ta' Frar 2017.".

ANNESS IV

L-Anness XI tar-Regolament Delegat (UE) Nru 1322/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) Il-punt C għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-punt 3.1.3. jiġi sostitwit b'li ġej:

"3.1.3. Struttura ta' protezzjoni tista' tiġi ddisinjata unikament biex tipproteġi lis-sewwieq f'każ ta' oġġett li jaqa'. Fuq din l-istruttura jista' jkun possibbli li titwaħħal protezzjoni għas-sewwieq kontra l-maltemp li normalment tkun ta' natura temporanja. Is-sewwieq normalment din ineħħiha meta tkun is-sħana. Madankollu, hemm strutturi ta' protezzjoni li l-kisi ta' barra tagħhom huwa permanenti u għandhom ventilazzjoni kontra s-sħana permezz ta' twieqi jew fetħiet. Billi l-kisi ta' barra jista' jsaħħaħ l-istruttura u jekk ikun jinqala' prattikament ikun hemm għalxejn f'każ ta' inċident, il-partijiet kollha li jistgħu jinqalgħu mis-sewwieq b'dan il-mod għandhom jitneħħew għall-fini tat-test. Il-bibien u t-twieqi li jinfetħu għandhom jew jitneħħew inkella jintrabtu fil-pożizzjoni miftuħa għat-test, b'mod li ma jsaħħux l-istruttura ta' protezzjoni.";

(b) jiddaħħal il-punt 3.1.3.1. li ġej:

"3.1.3.1. Fil-każ ta' bieba fis-saqaf li tinfetaħ fuq il-projezzjoni vertikali taż-żona ta' sikurezza, fuq talba mill-manifattur, fir-responsabbiltà tiegħu u skont l-istruzzjonijiet tiegħu, it-test jista' jsir jew bil-bieba tas-saqaf:

— fil-pożizzjoni magħluqa - msakkra,

— fil-pożizzjoni miftuħa,

— imneħħi.

Fi kwalunkwe każ, ir-rekwiżiti tal-punt 3.3. għandhom jiġu ssodisfati u deskrizzjoni tal-kundizzjoni tat-test għandha tiġi ddikjarata fir-rapport tat-test.

Tul il-bqija ta' dawn ir-regoli għandha ssir referenza biss għall-ittestjar tal-istruttura ta' protezzjoni. Irid ikun ċar li dan jinkludi l-kisi ta' barra li mhux ta' natura temporanja.

Id-deskrizzjoni ta' kwalunkwe kisi ta' barra temporanju trid tiġi inkluża fl-ispeċifikazzjonijiet. Il-ħġieġ jew kull materjal bħalu li jinkiser malajr għandu jitneħħa qabel it-test. Il-komponenti tat-trattur u tal-istruttura ta' protezzjoni li tista' ssirilhom ħsara għal xejn b'xejn matul it-test u li ma jaffettwawx is-saħħa tal-istruttura ta' protezzjoni jew id-daqsijiet tagħha jistgħu jitneħħew qabel it-test jekk din tkun ix-xewqa tal-manifattur. Ma jistgħux isiru tiswijiet jew aġġustamenti matul it-test. Jistgħu jiġu pprovduti diversi kampjuni identiċi mill-manifattur, jekk ikunu meħtieġa diversi testijiet ta' twaqqigħ.";

(c) il-punt 3.6.2.8 li ġej jiddaħħal qabel it-Tabella 10.2:

"3.6.2.8. Alternattivament, dawn ir-rekwiżiti jistgħu jiġu vverifikati billi jiġi applikat impatt mill-oġġett tat-test jekk il-komponenti strutturali kollha jkunu f'temperatura ta' – 18 °C jew inqas.";

(d) l-intestatura tal-Figura 10.3 jinbidel b'dan li ġej:

"*Figura 10.3*

Konfigurazzjoni minimima għat-test tal-FOPS

Struttura ta' protezzjoni marbuta b'mod riġidu ma' bank tat-test mill-post normali tal-immuntar tagħha";

(2) fin-Noti ta' spjegazzjoni tal-Anness XI, in-nota ta' spjegazzjoni (1) tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"(1) Sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor, it-test tar-rekwiżiti u n-numerazzjoni stabbiliti fil-Punt C huma identiċi għat-test u n-numerazzjoni tal-Kodiċi tal-Istandard tal-OECD għall-ittestjar uffiċjali tal-istrutturi ta' protezzjoni kontra oġġetti li jaqgħu, immuntati fuq it-tratturi għall-agrikoltura u għall-forestrija, il-Kodiċi tal-Istandard 10 tal-OECD, l-Edizzjoni 2017 ta' Frar 2017.".

ANNESS V

L-Anness XIV tar-Regolament Delegat (UE) Nru 1322/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Appendiċi 3 huwa emendat kif ġej:

(a) fit-tabella, ir-ringieli għall-PS Nru 1 u 2 jiġu ssostitwiti b'dan li ġej:

"PS Nru	a 10^{-4} m	t s
1	0 089	
2	0 215";	

(b) fit-tabella, ir-ringieli għall-PS Nru 699 u 700 jiġu ssostitwiti b'dan li ġej:

"PS Nru	a 10^{-4} m	t s
699	0 023	
700	0 000	28·0";

(2) L-Appendiċi 4a huwa emendat kif ġej:

(a) fit-tabella, ir-ringieli għall-PS Nru 1 u 2 jiġu ssostitwiti b'dan li ġej:

"PS Nru	a 10^{-4} m	t s
1	0 022	
2	0 089";	

(b) fit-tabella, ir-ringieli għall-PS Nru 699 jiġu ssostitwiti b'dan li ġej:

"PS No	a 10^{-4} m	t s
699	0 062".	